IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.9.2014
COM(2014) 571 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

dwar l-użu fl-2012 mill-istituzzjonijiet tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 495/77, emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1945/2006 (dwar xogħol fuq standby), Nru 858/2004 (dwar kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli) u Nru 300/76, emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1873/2006 (dwar xogħol bix-xift)

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

dwar l-użu fl-2012 mill-istituzzjonijiet tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 495/77, emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1945/2006 (dwar xogħol fuq standby), Nru 858/2004 (dwar kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli) u Nru 300/76, emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1873/2006 (dwar xogħol bix-xift)

1. INTRODUZZJONI

Ir-regolamenti tal-Kunsill dwar xogħol standby (Nru 495/77) u dwar kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli (Nru 858/2004) jeħtieġu li l-Kummissjoni tagħti rapport annwali lill-Kunsill dwar in-numru ta' uffiċjali u impjegati oħra f'kull kategorija li jirċievu l-benefiċċji msemmija fir-Regolamenti rispettivi u n-nefqa totali relatata magħhom.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq l-aħħar figuri ta' sena sħiħa disponibbli fi żmien it-tħejjija tiegħu u għalhekk jirreferi għall-2012. Ir-rapport ikopri l-istituzzjonijiet kollha, u għal raġunijiet ta' kompletezza fih ukoll l-istess tip ta' informazzjoni dwar l-użu ta' xogħol kontinwu u xogħol bix-xift (ir-Regolament tal-Kunsill Nru 300/76).

2. BENEFIĊĊJU MINĦABBA XOGĦOL STANDBY

Il-bażijiet ġuridiċi għal dan il-benefiċċju huma l-Artikoli 55 u 56b tar-Regolamenti tal-Persunal u r-Regolament tal-Kunsill Nru 495/77 tat-8 ta' Marzu 1977, kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill Nru 1945/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006.

Il-benefiċċju jitħallas biss lill-uffiċjali u lil impjegati oħra mill-*approprjazzjonijiet għar-riċerka* u li jaħdmu:

- fi stabbiliment taċ-Ċentru Konġunta tar-Riċerka (JRC), jew
- f'azzjoni indiretta, jew

imħallsa mill-*approprjazzjonijiet operattivi* u jaħdmu:

- fit-tmexxija jew is-superviżjoni tal-installazzjonijiet tekniċi,
- f'dipartiment tas-sikurezza u s-sigurtà,
- f'dipartiment tas-servizzi tal-informazzjoni u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni (ICT),
- f'dipartiment li jipprovdi appoġġ għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) / il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) jew f'arranġamenti ta' emerġenza u koordinazzjoni tal-kriżijiet, jew
- f'mekkaniżmu mwaqqaf biex jipprovdi għajnuna lill-Istati Membri 24 siegħa kuljum, sebat'ijiem fil-ġimgħa (MS 24/7), f'arranġamenti ta' emerġenza u koordinazzjoni tal-kriżijiet jew f'servizzi fejn hemm ħtieġa konfermata għall-eżekuzzjoni ta' dmirijiet sabiex jiġi ggarantit mekkaniżmu ta' għoti ta' assistenza lill-Istati Membri.

Il-benefiċċju għax-xogħol standby huwa espress f'punti. In-numru ta' punti mogħtija għal kull siegħa ta' xogħol realment standby huwa ffissat kif ġej:

- xogħol standby mid-dar, kull ġurnata ta' ħidma: 2,15 punti;

– xogħol standby mid-dar, fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi: 4,3 punti;
– xogħol standby milil-post tax-xogħol, kull ġurnata ta' ħidma: 11-il punt;
– xogħol standby mill-post tax-xogħol, fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi pubbliċi: 22 punt.

Kull punt huwa ekwivalenti għal 0,032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fi grad 1, pass 1 (= EUR 0,85 fl-2012 skont l-arranġamenti fis-seħħ mill-1/7/2010).

2.1. Numru ta' benefiċjarji għal kull tip ta' xogħol standby:

Istituzzjoni	Mid-dar	Mid-dar u mill-post tax-xogħol	Mill-post tax-xogħol	Total
Il-Kummissjoni Ewropea	327	55	39	**421**
- li minn JRC	*203*	*10*	*28*	***241***
Il-Kunsill	54	0	0	**54**
Il-Parlament Ewropew	0	0	0	0
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	0	0	0	0
Il-Qorti tal-Awdituri	8	0	0	**8**
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	0	0	0	0
Il-Kumitat tar-Reġjuni	0	0	0	0
Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta	0	0	0	0
L-Ombudsman	0	0	0	0
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	27	0	0	**27**
Total	**416**	**55**	**39**	**510**

2.2. Numru ta' benefiċjarji (uffiċjali/persunal temporanju u persunal b'kuntratt):

Istituzzjoni	AD	AST	CA				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Kummissjoni Ewropea	145	238	27	2	9	0	**421**
- li minnhom JRC	*90*	*128*	*20*	*1*	*2*	*0*	***241***
Il-Kunsill	9	43	2	0	0	0	**54**
Il-Parlament Ewropew	0	0	0	0	0	0	0
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	0	0	0	0	0	0	0
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	8	0	0	0	**8**
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	0	0	0	0	0	0	0
Il-Kumitat tar-Reġjuni	0	0	0	0	0	0	0
Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta	0	0	0	0	0	0	0

L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	11	16	0	0	0	0	**27**
Total	**165**	**297**	**37**	**2**	**9**	**0**	**510**

2.3. Numru ta' benefiċjarji għal kull tip ta' xogħol:

Istituzzjoni	JRC	Azzjoni indiretta	Installazzjon ijiet tekniċi	Sigurtà	ICT	PESK / PSDK	MS 24/7	Total
Il-Kummissjoni Ewropea	241	0	33	31	60	0	56	**421**
- li minnhom JRC	*241*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	***241***
Il-Kunsill	0	0	26	17	0	11	0	**54**
Il-Parlament Ewropew	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	8	0	0	0	**8**
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Kumitat tar-Reġjuni	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta	0	0	0	0	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0	**0**
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	0	0	0	3	12	9	3	**27**
Total	**241**	**0**	**59**	**59**	**72**	**20**	**59**	**510**

3. BENEFIĊĊJI GĦALL-KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL PARTIKOLARMENT DIFFIĊLI

Il-bażijiet ġuridiċi għal dan il-benefiċċju huwa l-Artikolu 56c tar-Regolamenti tal-Persunal u r-Regolament tal-Kunsill Nru 858/2004 tad-29 ta' April 2004, li ssostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill Nru 1799/72.

Dan il-benefiċċju għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli huwa espress f'punti li jingħataw għal kull siegħa xogħol li ssir, b'distinzjoni bejn kundizzjonijiet tax-xogħol speċjali marbuta mas-"sigurtà tal-individwu", "il-post tax-xogħol" u n-"natura tax-xogħol". In-numru tal-punti jvarja bejn 2, pereżempju għal livell ta' ħoss medju li jaqbeż il-85 decibel, u livell limitu ta' 50 f'każ ta' uffiċjal li jkun liebes libsa għall-protezzjoni ta' kontra n-nar lesta minn kollox. Kull punt huwa ekwivalenti għal 0,032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fi grad 1, pass 1 (= EUR 0,85 fl-2012 skont l-arranġamenti fis-seħħ mill-1/7/2010).

Numru ta' benefiċjarji (uffiċjali/persunal temporanju u persunal b'kuntratt):

Istituzzjoni	AD	AST	Persunal b'kuntratt				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Kummissjoni Ewropea	34	184	30	0	1	1	**250**
- li minnhom JRC	*34*	*175*	*21*	*0*	*1*	*1*	***232***
Il-Kunsill	0	0	0	0	0	0	0
Il-Parlament Ewropew	0	0	0	0	0	0	0
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	0	0	0	0	0	0	0
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	0	0	0	0
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	0	0	0	0	0	0	0
Il-Kumitat tar-Reġjuni	0	0	0	0	0	0	0
Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta	0	0	0	0	0	0	0
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	0	0	0	0	0	0	0
Total	**34**	**184**	**30**	**0**	**1**	**1**	**250**

4. BENEFIĊĊJU GĦAL XOGĦOL BIX-XIFT

Il-bażijiet ġuridiċi għal dan il-benefiċċju huma l-Artikoli 56a tar-Regolamenti tal-Persunal u r-Regolament tal-Kunsill Nru 300/76 tad-9 ta' Frar 1976, kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill Nru 1873/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006.

Il-benefiċċju jitħallas biss lill-uffiċjali u lil impjegati oħra mħallsa mill-*approprjazzjonijiet għar-riċerka* u li jaħdmu:

- fi stabbiliment taċ-Ċentru Konġunta tar-Riċerka (JRC), jew
- f'azzjoni indiretta, jew

imħallsa mill-*approprjazzjonijiet operattivi* u jaħdmu:

- f'dipartiment tas-servizzi tal-informazzjoni u t-teknoloġija tal-komunikazzjoni (ICT),
- f'dipartiment tas-sikurezza u s-sigurtà,
- f'servizz ta' swiċċbord tat-telefown/informazzjoni jew servizz ta' akkoljenza,
- f'dipartiment li jipprovdi appoġġ għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) / il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) jew għal arranġamenti ta' emerġenza u koordinazzjoni tal-kriżijiet,
- f'servizz li jipprovdi għajnuna f'emerġenza jew arranġamenti għall-koordinazzjoni tal-kriżijiet, jew
- fit-tmexxija jew is-superviżjoni tal-installazzjonijiet tekniċi.

Hemm erbà tipi ta' rati differenti tal-benefiċċju li jitħallas kull xahar (figuri tal-2012 skont arranġamenti fis-seħħ mill-1/7/2010):

- ir-rata 1: xogħol li jinvolvi żewġ xiftijiet, minbarra tmiem il-ġimgħa u l-festi pubbliċi: EUR 382,17

– ir-rata 2: xogħol li jinvolvi żewġ xiftijiet, inkluż l-iljieli, tmiem il-ġimgħa u l-festi pubbliċi: EUR 576,84
– ir-rata 3: 24 siegħa kuljum, minbarra tmiem il-ġimgħa u l-festi pubbliċi: EUR 630,69
– ir-rata 4: 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa: EUR 859,84

Il-figuri li ġejjin jindikaw in-numru ta' benefiċċji mogħtija minn kull istituzzjoni għall-2012.

4.1. Numru ta' benefiċjarji għal kull rata:

Istituzzjoni	Ir-Rata 1	Ir-Rata 2	Ir-Rata 3	Ir-Rata 4	Total
	EUR 382,17	EUR 576,84	EUR 630,69	EUR 859,84	
Il-Kummissjoni Ewropea	7	25	8	61	**101**
- li minnhom JRC	*0*	*25*	*8*	*21*	*54*
Il-Kunsill	40	0	0	26	**66**
Il-Parlament	28	0	30	6	**64**
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	2	0	0	8	**10**
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (EESC)	0	0	0	0	**0**
Il-Kumitat tar-Reġjuni (KtR)	0	0	0	0	**0**
Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta	0	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	**0**
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	27	0	0	17	**41**
Total	**104**	**25**	**38**	**118**	**282**

4.2. Numru ta' benefiċjarji (uffiċjali / persunal temporanju u persunal b'kuntratt):

Istituzzjoni	AD	AST	CA				Total
			FG I	FG II	FG III	FG IV	
Il-Kummissjoni Ewropea	8	75	16	0	2	0	**101**
- li minnhom JRC	*8*	*39*	*6*	*0*	*1*	*0*	***54***
Il-Kunsill	0	66	0	0	0	0	**66**
Il-Parlament Ewropew	0	36	0	28	0	0	**64**
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	10	0	0	0	**10**
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Kumitat tar-Reġjuni	0	0	0	0	0	0	**0**
Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta	0	0	0	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	**0**
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	0	39	0	2	0	0	**41**
Total	**8**	**216**	**26**	**30**	**2**	**0**	**282**

4.3. Numru ta' benefiċjarji għal kull tip ta' xogħol:

Istituzzjoni	JRC	Koordinazzjoni ta' kriżijiet / emerġenza	ICT	Sigurtà	Swiċċbord / Akkoljenza	PESK / PSDK	Installazzjonijiet tekniċi	Azzjoni indiretta	Total
Il-Kummissjoni Ewropea	54	0	3	40	0	0	4	**0**	**101**
- li minnhom JRC	*54*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	*0*	***0***	***54***
Il-Kunsill	0	0	0	63	0	3	0	**0**	**66**
Il-Parlament Ewropew	0	0	0	58	0	0	6	**0**	**64**
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	0	0	0	0	0	0	0	**0**	**0**
Il-Qorti tal-Awdituri	0	0	0	8	2	0	0	**0**	**10**
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	0	0	0	0	0	0	0	**0**	**0**
Il-Kumitat tar-Reġjuni	0	0	0	0	0	0	0	**0**	**0**
Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta	0	0	0	0	0	0	0	**0**	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	0	0	0	0	**0**	**0**
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	0	0	16	16	0	9	0	**0**	**41**
Total	**54**	**0**	**19**	**185**	**2**	**12**	**10**	**0**	**282**

5. IS-SERVIZZI KONĊERNATI U R-RAĠUNIJIET

Il-Parlament, il-Kunsill, il-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (li ħa ħafna mid-dmirijiet li qabel kienu tad-DG RELEX tal-Kummissjoni) ul-Qorti tal-Awdituri ilhom jużaw it-tipi ta' kundizzjonijiet speċjali tax-xogħol msemmija hawn qabel u jħallsu l-benefiċċji korrispondenti għal xi żmien. Il-Kummissjoni tibqa' l-unika istituzzjoni li tuża l-benefiċċji għal kundizzjonijiet partikolarment diffiċli tax-xogħol, fil-JRC u fl-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika ta' Brussell (OIB).

5.1. Raġunijiet għax-xogħol standby

Il-Kummissjoni:
Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC)

Fl-2012 il-Kummissjoni ħallset benefiċċju ta' standby lil xi 421 membru tal-persunal, madwar 57 % (241) li fosthom huma impjegati f'wieħed miċ-ċentri tar-riċerka.

Ir-raġunijiet għall-istandby huma, bħas-snin ta' qabel, ġeneralment marbuta mas-sigurtà u s-sikurezza (servizz ta' tifi tan-nar, monitoraġġ tar-raġġi, protezzjoni mir-raġġi, eċċ). F'bosta każijiet fil-JRC, ix-xogħol standby isir mid-dar, bl-eċċezzjoni ta' Ispra u Karlsruhe (fejn id-dmirijiet isiru fil-post tax-xogħol - jew mid-dar u fil-post tax-xogħol - minħabba n-natura speċifika tad-dmirijiet li jridu jitwettqu).

Oħrajn
Fid-Direttorati Ġenerali l-oħra tal-Kummissjoni, is-servizzi standby jintużaw ġeneralment għas-sigurtà u s-sikurezza, l-installazzjonijiet tekniċi u s-servizzi tal-IT, kif ukoll l-assistenza għall-Istati Membri.

Il-Kunsill: Il-Kunsill ħallas benefiċċji għas-servizzi standby lil 54 membru tal-persunal tiegħu fl-2012. L-oqsma li fadal huma t-tmexxija u s-superviżjoni tal-installazzjonijiet tekniċi, is-servizzi ta' sigurtà u l-għajnuna għall-PESK / PSDK. Ix-xogħol standby sar esklussivament mid-dar.

Il-Qorti tal-Awdituri: Fl-2012, il-Qorti tal-Awdituri ħallset benefiċċji għas-servizzi standby lil tmien membri tal-persunal tagħha. Fl-2012 m'għadhomx jingħataw benefiċċji għas-servizzi tal-informazzjoni u tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni (ICT).

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna: Fl-2012, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ħallas benefiċċji għas-servizzi standby mid-dar lil 27 membru tal-persunal tiegħu fl-oqsma li ġejjin: għajnuna lill-Istati Membri 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa (MS 24/7), servizzi ta' sigurtà, għajnuna għall-PESK / PSDK u servizzi ta' informazzjoni u teknoloġija tal-komunikazzjoni (ICT).

5.2. Raġunijiet għall-użu ta' benefiċċji għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċili

Il-Kummissjoni*:* Il-Kummissjoni hija l-unika istituzzjoni li użat din il-possibiltà fl-2012. L-Uffiċċju għall-Infrastruttura u Loġistika fi Brussell (OIB) introduċa dan il-benefiċċju f'wieħed mis-servizzi tiegħu (servizz ta' riproduzzjoni) fl-2008; iċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunt diġà kien qed jużah.

Fir-rigward tal-kriterji għal kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċili, kienu japplikaw it-tliet kategoriji mniżżla fir-Regolament li għalihom jista' jingħata l-benefiċċju, jiġifieri:

a) protezzjoni individwali (jiġifieri l-obbligu li jintlibes ilbies ta' protezzjoni partikolarment skomdu),
b) il-post tax-xogħol (pereżempju livelli ta' ħsejjes għoljin, siti perikoluż), u
c) in-natura tax-xogħol (pereżempju l-ġarr ta' sustanzi korrusivi).

Fl-2012, in-numru totali ta' siegħat ta' xogħol li twettqu f'dan il-kundizzjonijiet kien mqassmin kif ġej:

71 603,12 siegħat marbuta mal-protezzjoni individwali,
127 587,18 siegħat marbuta mal-post tax-xogħol,
17 284,91 siegħat marbuta man-natura tax-xogħol.

5.3. Raġunijiet għax-xogħol bix-xift

Il-Kummissjoni: Fil-Kummissjoni, huwa l-JRC li, għal raġunijiet relatati man-natura tad-dmirijiet li jridu jsiru, għandu l-akbar bżonn ta' dan it-tip ta' organizzazzjoni tax-xogħol (54 minn total ta' 2 135 persuna mniżżla fl-2012).

Fid-Direttorati-Ġenerali l-oħra (baġit operattiv), sar xogħol bix-xift fl-2012 minn 47 persuna fit-tipi ta' servizzi li ġejjin:

- Siġurtà u prevenzjoni: 40
- Installazzjonijiet tekniċi: 4
- Teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT): 3

L-erba' rati (tipi ta' benefiċċji) kienu applikati mill-Kummissjoni, speċjaliment ir-rati 2 u 4, b'dan tal-aħħar (ix-xogħol kontinwu) jintuża prinċipalment fis-servizzi ta' sigurtà.

Il-Kunsill: In-numru ta' benefiċċji għal xogħol bix-xift fil-Kunsill kien ta' 66 għall-2012. Dan il-benefiċċju jintuża primarjament fl-oqsma tas-sigurtà u l-prevenzjoni (63 membru tal-persunal) u PESK / PSDK (tliet membri tal-persunal). Ix-xogħol bix-xift jikkonsisti jew f'arranġament ta' żewġ xiftijiet (ir-rata 1) jew servizz kontinwu ta' 24 siegħa (ir-rata 4).

Il-Parlament Ewropew: Il-Parlament Ewropew ilu juża s-sistema ta' xogħol bix-xift mill-2008. Fl-2012 ingħataw 64 benefiċċju għal xogħol bix-xift fil-Parlament. Dan il-benefiċċju qed jintuża biss fil-qasam tas-sigurtà u ma għadux jingħata għal servizzi ta' telefown / akkoljenza. Ix-xogħol bix-xift jikkonsisti jew f'arranġament ta' żewġ xiftijiet (ir-rata 1), servizz ta' 24 siegħa, minbarra s-Sibtijiet, il-Ħdud u l-festi pubbliċi (ir-rata 3) jew servizz ta' xogħol kontinwu ta' 24 siegħa (ir-rata 4).

Il-Qorti tal-Awdituri: Il-Qorti tal-Awdituri ilha tuża x-xogħol bix-xift mill-2011 fl-oqsma tas-sigurtà u s-servizzi tat-telefown/akkoljenza. Ix-xogħol bix-xift jikkonsisti jew f'arranġament ta' żewġ xiftijiet (ir-rata 1) jew servizz kontinwu ta' 24 siegħa (ir-rata 4).

Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna: Fl-2012, is-Servizz Ewropew ħallas 41 benefiċċju fl-oqsma tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), is-sigurtà, PESK / PSDK (dik il-parti li ħadet mill-Kunsill) iżda ma għadhiex tħallas dan il-benefiċċju għall-arranġamenti f'emerġenza u koordinazzjoni tal-kriżijiet.

6. NEFQA MILL-BAĠIT, GĦALL KULL ISTITUZZJONI U GĦAL KULL BENEFIĊĊJU (F'EUR)

Istituzzjoni	Xogħol bix-xift	Xogħol standby	Kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli	Total
Il-Kummissjoni Ewropea	790 448,88	1 443 239,13	639 547,60	**2 873 235,61**
- li minnhom JRC	*278 020,18*	*634 603,24*	*614 489,77*	***1 527 113,19***
Il-Kunsill	438 886,98	157 618,11	0	**596 505,09**
Il-Parlament Ewropew	201 686,96	0	0	**201 686,96**
Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	0	0	0	**0**
Il-Qorti tal-Awditur	91 716,72	22 614,40	0	**114 331,12**
Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	0	0	0	**0**
Il-Kumitat tar-Reġjuni	0	0	0	**0**
Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta	0	0	0	**0**
L-Ombudsman	0	0	0	**0**
Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	235 814,00	63 271,46	0	**299 085,46**
Total	**1 758 553,54**	**1 686 743,10**	**639 547,60**	**4 084 844,24**

In-nefqa totali, jiġifieri l-ammont minfuq għat-tliet benefiċċji fl-istituzzjonijiet kollha Ewropej, kienet tlaħħaq kemm kemm aktar minn EUR 4 miljun fl-2012.